# TLETT MITT, MITEJN U MITT SENA ILU

minn Joe Zammit

1697 300 mitt sena ilu, kien maħtur Arċipriet tal-Kolleġġjata, Dun Ġwann Battista Scicluna, qassis żgħażugħ mill-Isla. Kien maħtur l-ewwel Arċipriet ta' Birkirkara wara l-ftehim li kien sar bejn il-Kapitlu u l-Vigarju perpetwu. Kemm dam Arċipriet kellu ħafna xi jgħid mal-Kapitlu fuq is-Sedja Prepositali tal-Kor. Kien ħalla l-flus biex isir il-fonti tal-Magħmudija fil-knisja l-qadima. [1]

1797 200 sena ilu, kien u nbnew il-faċċata u l-kampnar tas-Santwarju tal-Madonna tal-Herba, dawk li hemm preżenti . Il-faċċata tas-Santwarju għalkemm hija sempliċi iżda hija wkoll eleganti. Fil-parti t'isfel naraw portiku sabiħ fuq erba' pilastri li jibqa' tiela' b'frontispizju bi statwa ta' l-Immakulata u fit-truf tiegħu żewġ fjammi kbar kollox mill-ġebla Maltija. Fuq il-bieb prinċipali insibu tieqa ovali u f'din naraw xbieha tal-kurċifiss misbugħ abjad, aktarx li dak il-Kurċifiss huwa mill-ġebel tal-qawwi.

Minn dan il-portiku 'l fuq titla' ordni oħra fuq erba' pilastri oħra fejn jifforma skultura li mhix kompluta u li aktarx kellha tiġi xi Nome di Marija u fuqha jitwaħħal is-salib.

Il-Kampnar jinsab fil-ġenb tas-Santwarju maqtugħ għalih waħdu mibni fuq torri apposta, qabel ma nbniet is-sala tal-ġenb tas-Santwarju fejn illum insibu esibiti l-kwadri tal-wegħdi kien jidher tant tajjeb. Fuq dan it-torri kien hemm arloġġ tax-xemx. F'dan il-kampnar insibu erbat iqniepen, oriġinarjament kien fih ħamsa iżda xi snin ilu ż-żgħira kienet inqasmet u waqgħet għal isfel. Fuq il-qanpiena l-kbira hemm dubju fuq min kien ħadimha, hemm minn jgħid li kien ħadimha Ġulju Tanti u tbierket fl-1713, jekk hu hekk allura kien hemm xi forma oħra ta' kampnar jew grabja kif għadek tara f'xi knejjes tal-kampanja. Dun Xand Cortis fil-ktieb li kien kiteb fuq is-Santwarju jgħid li hija xogħol ta' Salvu Triganza u tlestiet fl-1813. Jista' jkun li kien hemm xi żball jew li kien hemm xi qanpiena oħra.[2]

Fost il-kwadri tal-wegħdi li nsibu fis-Santwarju, nsibu wieħed li jirrakkonta ġrajja li seħħet 200 sena ilu. Il-ġrajja hi din, xprunara Maltija bil-qlugħ tagħha kollu miftuħ kienet qed tipprova taħrab minn xambekk ta' Barbarija fl-1797. Dak iż-żmien kien żmien meta l-bastimenti kienu jippruvaw jisirqu 'l xulxin u jieħdu l-kulħadd ilsir, il-Maltin meta sabu ruħhom f'dak l-għawdx ftakru fil-Madonna tal-Herba, talbuha u għamlu wegħda li jekk teħlishom iħallu kwadru li jirrakkonta din il-ġrajja. Nżerta li waqt li x-xambekk ta' Barbarija kien qed jispara fuq il-

Maltin il-kanun prinċipali tiegħu xkatta u qatel bosta mil-baħrin tiegħu. Il-Maltin ħatfu dik l-opportunità u ħarbu b'kemm jimxu, b'hekk huma kienu salvi, meta irriturnaw lura komplew il-wegħda li kienu għamlu. [3]

1797 200 sena ilu, kien miet f'Birkirkara fit-13 t'Awissu 1797 Pietru Felici. Dan Pietru kien imexxi stabbiliment tan-negozju li kien stabilixxa fil-palazz tiegħu hekk imsejjaħ "Il-Palazz ta' Santa Liena" dan insibuh reġistrat fil-Atti tan-Nutar Kristoforu Frendo. F'dan il-palazz kienet inħadmet l-istatwa ta' Satna Liena minn Salvu Psaila fl-1837, 160 sena ilu.[4]

1897 100 sena ilu, f'Birkirkara kienet teżisti Banda taħt l-isem ta'"La Stella". Din il-banda flimkien mal-Banda l-oħra "Alleanza" 100 sena ilu kienu ħadu sehem fil-belt Valletta fl-okkażjoni tal-Ġublew tar-Reġina Vittorja. [5]

1897 100 sena ilu, Dun Ġwann Battista Casha kien inħatar kappillan tal-kor, dari meta f'Birkirkara kien hawn bosta qassisin barra l-kanonċi kien ikun hemm qassisin li jissejjħu kappillani tal-kor. Dun Ġwann kien twieled fl-1871, u kien ordna saċerdot fl-1896. Fl-1901, kien viċendarju tal-knisja tal-Madonna tal-Minsija dak iż-żmien fl-Għargħur illum San Ġwann u li f'dak iż–zmien kien jagħmel parti minn Birkirkara. Kien jgħallem il-katekiżmu fil-Kulleġġ ta'" San Alwiġi u fis-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba. Kien inħatar Kanonku tal-Kolleġġjata fl-1906 u ħa l-pussess sentejn wara. Kien ukoll prokuratur ta'l-artal ta' l-Agunija. Miet fis-26 ta' Settembru 1936. [6]

---

Riferenzi:

1. Vella E. B. Storja ta' Birkirkara
2. Cortis Dun Xand. Tagħrif fuq is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba.
   Cuschieri Anastasju Is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba.
   Vella E. B. Storja ta' Birkirkara.
3. Kwadru fis-sala tas-Santwarju.
4. Atti tan-Nutar Kristoforu Frendo.
   Vella E. B. Storja ta' Birkirkara.
5. Vella E. B. Storja ta' Birkirkara.
   Zammit Joe Diskors f'Akkademja.
   Il-Berqa 1944, Storja tal-baned Karkariżi.
6. Leħen is-Sewwa 22.10.1936.
   Programm festa Sant'Elena 1986.